# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020**

**Numru 16**

**Ċitazzjoni numru 995/05 LFS**

**George Busuttil u Raymond Grech**

**v.**

**Anthony u Maria Dolores konjuġi Vassallo**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimata minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April, 2011 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimata, laqgħet l-ammissjoni ta' żewġha l-intimat l-ieħor, u filwaqt li laqgħet it-talbiet attriċi, ikkundannat lill-intimati miżżewġin Vassallo solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi l-ammont ta' ħdax-il elf seba' mija

ħamsa u sebgħin Lira Maltija (Lm11,775) ossija sebgħa u għoxrin elf, erba' mija tmienja u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€27,428.37), flimkien mal-ispejjeż u l-imgħax;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi talbu li l-ewwel Qorti taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-artikolu 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkunannahom iħallsu l-ammont ta' ħdax-il elf seba' mija u ħamsa u sebgħin Liri Maltin (Lm11,775) ossija sebgħa u għoxrin elf, erba mija tmienja u għoxrin ewro, seba' u tletin ċenteżmu (€27,428.37), inkluż l-imgħaxijiet mil-31 ta' Awwissu, 2005. Talbu wkoll l-ispejjeż;

3. Filwaqt li l-konvenut ammetta t-talbiet attriċi permezz ta' Nota mressqa minnu, l-intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") fit-Tweġiba Maħlufa minnha, ċaħdet li għandha x'tagħti lill-atturi. Qalet li ma kellha l-ebda relazzjoni legali magħhom u talbet li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Qalet ukoll li, sa minn Settembru 2004, bejnha u żewġha l-konvenut, ma kienx għadha teżisti l-komunjoni tal-akkwisti billi qorti kienet awtoriżżathom jidhru fuq kuntratt li bis-saħħa tiegħu stabilew is-sistema tas-separazzjoni tal-beni;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni tal-4 ta' April, 2011, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"***D. KUNSIDERAZZJONIJIET:***

*"Il-kaz in ezami jirrigwarda depozitu li kien sar flimkien ma' konvenju mill-atturi ma' Vassallo u certu George Portelli. F'dik l-okkazjoni kien sar depozitu ta' Lm25,000 li minnu thallas 1% boll u ghalhekk fadal Lm23,550. Peress li l-konvenju ma setax isir, gie deciz bejn il-partijiet li tigi mhallsa lura s-somma u l-konvenju terminat u fil-fatt George Portelli hallas in-nofs tad-depozitu tieghu u l-atturi illiberaw lil George Portelli mis-solidarjeta` tieghu. Izda Vassallo qatt ma hallas lura l-Lm11,775.*

*"Fil-kors tal-kawza Anthony Vassallo ammetta t-talba kif dedotta kontrieh (fol 12), izda l-kawza giet istitwita wkoll kontra martu Maria Dolores Vassallo li eccepiet li mhix il-legittimu kontradittur ghax ma kellha ebda rapport guridiku ma' l-atturi u li ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*"Kronologikament jirrizulta li fl-10 ta' Settembru, 2004 Maria Dolores Vassallo u Anthony Vassallo itterminaw il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Fiona Farrugia, fol 16, in segwitu ta' Digriet numru 705/04 datat 2 ta' Settembru 2004 (fol 21 et). Il-konvenju in kwistjoni li jissemma fic-citazzjoni huwa dak tat-23 ta' Marzu, 2005 ghax jinghad li kienu ghamlu diversi skritturi privati, inkluz dik datata 23 ta' Marzu, 2005.*

*"Illi ghalkemm il-punt ma giex tant trattat fil-kawza, jirrizulta li l-konvenju originali skond id-depozizzjoni tan-Nutar Farrugia a fol 47 kien sar fl-24 ta' Gunju, 2003 bejn L J Sullivan Holdings Limited u George Portelli u Anthony Vassallo, u fost il-kundizzjonijiet kien hemm id-dritt li jigi assenjat il-konvenju lil terzi, kif fil-fatt gie assenjat lil GR Developers Limited u dehru l-atturi. Dan iwassal ghall-fatt li d-drittijiet ta' l-atturi twieldu fl-2003 u regghu gew konfermati fil-31 ta' Awissu 2004, fol 50. Issa fid-data msemmija, kienet ghadha ezistenti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Anthony Vassallo u Maria Dolores Vassallo, ghax is-separazzjoni tal-beni giet krejata fl-10 ta' Settembru, 2004. Dan ifisser li l-obbligi ta' Maria Dolores Vassallo ghall-kaz de quo kienu pre-ezistenti ghall-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni. Huwa veru li ntlahaq il-ftehim li l-ammont jigi ritornat permezz ta' l-iskrittura privata tal-21 ta' Lulju, 2005, fol 55, izda anke minghajr l-istess ftehim ta' l-imsemmija data 21 ta' Lulju, 2005 kien hemm l-obbligu tar-rifuzjoni ta' Portelli u Vassallo ghall-ammont ta' Lm23,550. Dan iwassal ghall-obbligu ta' Maria Dolores Vassallo ghal dak dovut, liema obbligu kien gie krejat qabel il-krejazzjoni tas-separazzjoni tal-beni.*

*"Dwar jekk l-ammont hux dovut jew le, hemm provi sufficjenti li dan hu dovut mid-dokumenti esebiti min-Nutar Farrugia a fol 53 u 55, mill-ammissjoni ta' Anthony Vassallo u mid-depozizzjonijiet li saru.*";

5. Illi l-konvenuta appellat mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tad-19 ta' April, 2011, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

6. Illi permezz ta' Risposta tal-25 ta' Jannar, 2012, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellati warrbu l-aggravji kollha mressqa mill-appellanti, u saħqu li l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż;

7. Illi għar-raġunijiet li jirriżultaw mill-atti, l-appell tneħħa u tqiegħed fuq il-lista għas-smigħ għadd ta' drabi, bl-aħħar digriet f'dan is-sens ikun dak tas-26 ta' Settembru, 2019[1];

8. B'digriet tas-7 ta' Novembru, 2019[2], il-Qorti laqgħet it-talba mressqa mill-appellanti sabiex tressaq eċċezzjoni/aggravji ulterjuri fid-dawl tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2019[3], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-Atti tal-Kumpilazzjoni numru 533/2006 fl-ismijiet **Pulizija (AC Ian Abdilla) v. Antonio Vassallo**;

[1] Paġ. 74 tal-atti tal-Appell
[2] Paġ. 88 tal-atti tal-Appell
[3] Paġġ. 79 sa 84 tal-atti tal-Appell

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tat-23 ta' Ġunju, 2020, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

11. Illi din hija azzjoni mibdija bil-proċedura sommarja speċjali għar-radd lura ta' somma miftehma fuq kitba privata. Quddiem l-ewwel Qorti, żewġ l-appellanti kien stqarr it-talbiet attriċi, imma l-appellanti laqgħet għall-azzjoni billi qalet li ma kellha x'taqsam xejn mal-obbligazzjoni li fuqha tressqu t-talbiet. L-ewwel Qorti mxiet fuq l-ammissjoni tal-imħarrek u sabet li l-appellanti wkoll kellha twieġeb għat-talbiet attriċi għaliex l-obbligazzjoni oriġinali kienet att ta' konvenju li kien sar fiż-żmien meta kien hemm is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-appellanti u żewġha;

12. Illi l-appellanti sostanzjalment qajmet **aggravju wieħed** mis-sentenza appellata u dan jissejjes fuq l-eċċezzjoni ewlenija tagħha quddiem l-ewwel Qorti li hija ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni tal-appellati. Tgħid li hija qatt ma kienet mgħarrfa f'liema negozju kien imdaħħal żewġha, u li bl-ebda mod ma kienet marbuta f'dak li ġara.

Għalhekk, hija talbet li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju ladarba mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet attriċi;

13. Illi l-appellati jgħidu li dan l-aggravju mhux ta' min jilqgħu, għaliex il-konvenut żewġ l-appellanti jgħid mod ieħor. Jirreferu għax-xhieda tal-konvenut meta jgħid li kien hemm drabi fejn martu dehret flimkien miegħu fuq negozju marbut ma' trasferiment ta' proprjetà immobbli. Jgħidu wkoll li kull nutar jitlob il-firma tal-mara meta r-raġel imur jagħmel negozju f'ismu;

14. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-azzjoni attriċi hija marbuta ma' dak li hemm mitlub fiha u mal-premessi li saru qabel it-talbiet. Joħroġ ċar li s-somma pretiża mill-atturi appellati hija dik li l-imħarrek Anthony Vassallo ntrabat li kellu jħallashom fil-kitba tal-21 ta' Lulju, 2005[4]. Dik il-kitba ma kinitx waħda dwar l-eżekuzzjoni ta' xi konvenju li kien sar qabel, għaliex fiha jingħad sewwasew li kull konvenju li kien sar kien waqa' u sar mingħajr effett. Kienet kitba li għarfet li kien hemm dejn dovut u fejn saħansitra wieħed mid-debituri – George Portelli – ħallas sehemu minnu u ngħata kwittanza mill-atturi kredituri, filwaqt li l-imħarrek Vassallo ntrabat li jħallas is-sehem tiegħu minn dak id-dejn. Għalhekk, din il-Qorti ma taqbilx mal-osservazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti li l-bażi tal-

[4] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess

azzjoni attriċi kienet xi ftehim li jmur lura fiż-żmien meta kien għadu jgħodd is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-appellanti u żewġha;

15. Illi, minbarra dan, sa minn Settembru tal-2004[5] (u jiġifieri sa minn żmien qabel infetħet din il-kawża), l-appellanti u żewġha kienu temmew s-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti (wara li kienu awtorizzati mill-qorti kompetenti[6]) u għaddew għal dak tas-separazzjoni tal-beni. Dik il-bidla kienet insinwata kif imis fir-Reġistru Pubbliku sa mit-22 ta' Settembru, 2004[7], u għalhekk, minn dak iż-żmien 'l hemm, terzi persuni li kien ikollhom negozju ma' xi wieħed jew waħda minnhom kienu mgħarrfa b'mod formali dwar il-qagħda patrimonjali[8]. Minbarra dan, meta l-appellati interpellaw lill-appellanti għall-ħlas qabel fetħu din il-kawża, l-istess appellanti kienet wissiethom dwar il-qagħda f'ittra uffiċjali li bagħtitilhom f'Settembru tal-2005[9];

16. Illi l-appellanti ma dehritx fuq il-kitba ta' Marzu tal-2005, mertu ta' din il-kawża u lanqas jissemma li żewġha kien qiegħed jidher bħala mandatarju tagħha. Matul is-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanti dejjem saħqet li qatt ma kellha x'taqsam man-negozju ta' żewġha, u tgħid li saret taf bil-kitba, mhux għax kienet parti fiha, iżda meta

---

[5] Ara Dok "MD1", f'paġġ. 16 – 20 tal-proċess
[6] Ara Dok "MD2", f'paġġ. 21 – 3 tal-proċess
[7] Ara Dok "MD3", f'paġ. 24 tal-proċess
[8] Rigward djun tagħhom xieraq wieħed jara l-§8 tal-Kuntratt f'paġ. 19 tal-proċess
[9] Ara Dok "MD4", f'paġ. 26 tal-proċess

rċeviet l-atti mill-Qorti. Tgħid ukoll li kien sewwasew minħabba li żewġha ma kienx idaħħalha fin-negozju tiegħu li wassalha biex titlob ix-xoljiment tas-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti[10]. Din il-Qorti tqis ukoll li l-appellanti tgħid li qatt ma tat prokura lil żewġha biex jidher għaliha, u minkejja li l-appellati jgħidu li kull nutar isaqsi għal prokura tal-mara meta r-raġel jidħol fuq negozju ta' proprjetà, l-appellati meta ressqu lin-Nutar b'xhud tagħhom, naqsu li jistaqsuh jekk talabx jew tal-anqas jekk rax jew jekk staqsiex kienx hemm xi prokura li l-attur kien mistenni li jkollu[11];

17. Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, il-Qorti ma jibqagħlha l-ebda dubju li l-appellanta ma kienet imdaħħla bl-ebda mod fl-għemil ta' żewġha fin-negozju ġuridiku mertu ta' din il-kawża;

18. Illi l-Qorti tqis li r-raġuni waħdanija għalfejn l-appellanti ddaħħlet fil-kawża kienet minħabba li hija kienet miżżewġa lill-imħarrek. B'dan il-mod, l-atturi appellati riedu jorbtuha b'sentenza ħalli hija tagħmel tajjeb ukoll għall-ammont pretiż;

19. Illi fejn bejn il-miżżewġin ikun jgħodd is-sistema tal-komunjjoni tal-akkwisti, ma hemmx dubju li l-għemil li bih parti fiż-żwieġ tislef jew tissellef il-flus (minbarra d-depożitu ta' flus f'kont f'bank)[12] huwa magħdud mil-liġi

[10] Ara x-xhieda ta' Maria Dolores Vassallo f'paġ. 70-71 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda tan-Nutar Fiona Farruġia u dik tan-Nutar Marco Farruġia f'paġġ. 37 u 47 sa 49 tal-proċess
[12] Art. 1322(3)(f) tal-Kap 16

bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja. Dan iġib miegħu konsegwenzi fil-liġi wkoll għal min jidħol f'att bħalu. Kemm hu hekk, il-liġi trid li għemil bħal dak imiss liż-żewġ miżżewġin flimkien[13], sakemm dak is-self ma jkunx att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni ta' dik il-parti li tkun isselfet jew silfet[14];

20. Illi fejn għemil ta' tmexxija straordinarja jsir minn waħda biss mill-miżżewġin u mingħajr l-għarfien – imqar taċitu – tal-parti miżżewġa l-oħra, dak l-għemil xorta waħda jkun jgħodd[15]. Imma jekk għemil bħal dak kien jikkonsisti fi trasferiment jew f'ħolqien ta' jedd reali jew personali fuq ġid immobbli, jew jekk kien jikkonsisti f'ħolqien b'titolu gratuwitu ta' jeddijiet rejali jew personali fuq ħwejjeġ mobbli, għemil bħal dak ikun jista' jitħassar fuq talba tal-miżżewweġ li mingħajr il-kunsens tiegħu ikun sar dak l-att[16]. Kull għemil ieħor li jmissu jsir miż-żewġ miżżewġin flimkien imma li jsir minn miżżewweġ wieħed ma jistax jitħassar, iżda jingħata lill-parti li tħalliet barra milli tagħti l-kunsens tagħha l-jedd li ġġiegħel lill-parti li mexxiet waħedha li tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir, li tagħmel tajjeb għad-dannu mġarrab mill-parti miżżewġa li ma tkunx tat il-kunsens tagħha[17]. Ukoll fejn huwa mogħti li parti miżżewġa tista' titlob it-tħassir ta' għemil ta' amministrazzjoni

[13] Art. 1322(2) tal-Kap 16
[14] Art. 1324 tal-Kap 16
[15] App. Ċiv. **1.6.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Claudette Gauċi vs Paolo Bonniċi Ltd et***
[16] Art. 1326(1) tal-Kap 16
[17] Art. 1326(5) tal-Kap 16.

straordinarja, dan irid isir fi żmien limitat[18], li jista' jitqassar għal tliet xhur jekk il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha jintbagħtilha att ġudizzjarju biex jgħarrafha bit-twettiq tal-għemil li jkun[19];

21. Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru tqum il-kwistjoni dwar jekk għemil straordinarju li jsir minn jew bl-għarfien ta' waħda biss mill-partijiet miżżewġin u li dwaru ma ssirx kawża għat-tħassir tiegħu jgħabbix xorta waħda lill-komunjoni tal-akkwisti daqs li kieku kien għemil li sar mit-tnejn[20], jew jekk jgħabbix biss lill-ġid parafernali tal-parti miżżewġa li waħedha tkun għamlitu[21]. Il-liġi tgħid liema huma d-djun magħmulin minn persuna miżżewġa li jgħabbu lill-komunjoni tal-akkwisti li tkun teżisti bejn dik il-persuna u s-sieħeb jew sieħba tagħha. Dawk iċ-ċirkostanzi huma tassattivi u l-liġi tagħmilha ċara li huma dawk id-djun "biss"[22] li jgħabbu l-komunjoni;

22. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ħareġ ċar li l-appellanti ma nediet l-ebda proċeduri biex twaqqa' r-rabta li żewġha daħal għaliha. Lanqas ma tinbidel il-qagħda bil-fatt li l-appellanti ma fetħitx kawża biex twaqqa' l-ftehim magħmul minn żewġha, għaliex b'daqshekk biss ma

[18] Art. 1326(2) tal-Kap 16
[19] Art. 1326(3) tal-Kap 16
[20] Ara, per eżempju, App. Ċiv **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Buġeja vs Publius Micallef et***
[21] Ara, per eżempju, P.A. GCD **15.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Cassar vs Francis Manġion et***; App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Frendo et vs Anġlu Żahra pro et noe***; u P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Angela DeMarco vs David DeMarco et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell **1.6.2007**)
[22] Art. 1327 tal-Kap 16

jibdilx il-fatt li hija ma tatx il-kunsens tagħha meta għaddew il-flus u lanqas jissarraf f'xi sura ta' kunsens tagħha biex dak id-dejn seta' b'xi jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejnha u bejn żewġha l-appellant u liema sistema kien xolt diġà xhur qabel ma saret il-kitba mertu tal-każ u wisq aktar qabel nfetħet din il-kawża. Fi kliem ieħor, din il-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm bżonn li l-appellanti tniedi l-ebda proċedura biex tattakka jew twaqqa' l-ftehim li żewġha daħal fih waħdu mal-appellati fit-23 ta' Marzu, 2005, għaliex sa dakinhar is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti li kien jeżisti qabel bejnha w żewġha kien xolt;

23. Illi għalhekk, il-fatt waħdu li żewġ l-appellanti stqarr id-dejn mitlub fit-tieni talba attriċi ma jġibx b'daqshekk l-effett li l-appellanti martu hija marbuta wkoll ma' dik l-istqarrija;

24. Illi l-Qorti tqis ukoll li għall-għemil ta' ingann u qerq li l-appellati xlew bih lil żewġ l-appellanti f'din il-kawża (għemil konsistenti f'reat magħmul b'rieda[23]) il-komunjoni – ukoll li kieku kienet għadha fis-seħħ – ma tagħmilx tajjeb bis-sehem tal-parti l-oħra miżżewġa[24]. Dan qiegħed jingħad bla ebda ħsara għall-jeddijiet tal-appellati li, f'każ li jkun meħtieġ, jeżegwixxu l-kreditu tagħhom kontra s-sehem li l-imħarrek Anthony

[23] Ara s-sentenza mogħtija fit-**12.7.2019** mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminai fl-Atti tal-Kumpilazzjoni numru 533/2006 fl-ismijiet ***Pulizija (AC Ian Abdilla) vs. Antonio Vassallo***

[24] Art. 1327(f) tal-Kap 16 u App. Ċiv. **19.5.2014** fl-atti tar-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet ***Guido Grima et vs Pierre Buontempo et*** § 25 u App. Ċiv. **1.12.2014** fl-atti tal-istess kawża § 20.

Vassallo seta' kellu mill-komunjoni tal-akkwisti bejnu u l-appellanti sakemm damet fis-seħħ[25];

25. Illi wara li l-Qorti qieset dawn il-ħwejjeġ kollha, hija tasal għall-fehma li dan l-aggravju huwa tajjeb u ssib li l-ewwel Qorti ma mxietx sewwa meta sabet li l-appellanti kellha tagħmel tajjeb *in solidum* ma' żewġha għall-ħlas tas-somma dovuta lill-appellati kif talbu fil-kawża tagħhom;

**Decide**

26. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-appell tal-intimata** Maria Dolores Vassallo mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April, 2011, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi filwaqt li tħassarha fejn sabet li l-appellanti kienet debitriċi solidali ma' żewġha għall-ħlas lura tas-somma kanoniżżata u fejn ikkundannat lill-istess appellanti għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet legali, tirriformaha billi ssib li l-appellanti ma hijiex debitriċi tal-atturi appellati u lanqas il-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni u għalhekk teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju, u tikkonfermaha fil-bqija; u

[25] Art. 1329(1) tal-Kap 16

**Tordna** li l-atturi appellati jħallsu **l-ispejjeż tal-appell**; filwaqt li l-imħarrek Anthony Vassallo waħdu jħallas l-**ispejjeż tal-ewwel istanza** u l-**imgħaxijiet** kollha dovuti fuq is-somma kanonizzata kif ordnat fis-sentenza appellata sal-jum tal-ħlas effettiv.

Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef

Joseph R. Micallef<br>Imhallef

Tonio Mallia<br>Imhallef

Deputat Registratur<br>mb